# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Anna Cassar**

Illum 20 ta' Frar, 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Anna Cassar**, ta' 46 sena, bint Francis u Carmen nee' Bonett imwielda Pieta' nhar id-29 ta' Gunju, 1971, residenti fil-fond numru Block H, Flat 5, Entrance A, Triq Hal-Farrug, Luqa, detentrici tal-karta tal-identita' numru 290371 M akkuzata talli f' dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' l-01 ta' April, 2018, gewwa Triq il-Qaliet, Marsascala fi xi hin filghodu tas-saghtejn ta' filghodu (02:00hrs);

1. Ikkommettiet offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Louisean Ismael, u dan meta gidmet lil din il-vittma f' idejha l-leminija, hekk kif iccertifikat minn Dr P Agius (Reg 3724).

2. U aktar talli fl-istess post, data u hin, bil-lejl volontarjament kisret il-mistrieh tan-nies bi hsejjes u ghajjat jew b' mod iehor u dan bi ksur tal-artikolu 338(m) tal-Kap. 9.
3. Talli fl-istess post, data u hin kisret il-bon ordni u paci pubblika b' ghajjat, u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi u dan bi ksur tal-artikoli 338(dd) u 338(bb) tal-Kap. 9.

F' kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba titratta mal-imputata bhala recidiv u dan wara li nghattat diversi sentenzi mill-Qorti vtal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula skond l-artikolu 49, u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382A *et seq* tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-vittma Louseann Ismael u l-familjari ohra taghha.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412 (C ) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma' kull piena li l' Qorti jidrilha xieraqa.

Il-Qorti hija finalment gentilment mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-1 ta' Dicembru, 2020 l-imputata iddikjarat li ghandha bzonn avukat ta' l-ghajnuna legali u l-Qorti seduta stante ghaddiet in-numru ta' Dr Victor Bugeja lil imputata; rat li fit-12 ta' Jannar, 2021 l-avukat tal-ghajnuna legali Dr Victor Bugeja informa lil Qorti li l-imputata ma kkonsultatx mieghu.

Semghet ix-xhieda ta' PC 2409 Alessia Vorobera fis-seduta tal-6 ta' Dicembru 2022; ta' PC 2074 Danica Micallef fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2023; PC 1308 Adrian Penza fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023 li xehdu dwar ir-ragunijiet ghalfejn li xehedet dwar il-mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat li ma giex ezegwit.

Rat li l-imputata giet notifikata ghas-seduta tal-26 ta' Settembru, 2023, il-Qorti ordnat li ghandha tiffirma darba fil-gimgha fl-ghassa ta' Hal Luqa stante diffikultajiet biex tigi notifikata li xehdet ghalfejn il-mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputata ma giex ezegwit;

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Novembru, 2023 l-imputata assistita mill-avukat taghha Dr Colin Galea ammettiet l-imputazzjonijiet. Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha ghall-imputazzjonijiet kontestati lilha, inkluz li minhabba n-natura tar-reat, il-Qorti setghet tghaddi biex issibha hatja u tikkundannaha ghal piena li tista tkun anke' wahda karcerarja jew pieni ohra statutorji. Il-Qorti, wara li taghtha zmien bizzejjed sabiex anke' tikkonsulta mal-avukat difensur taghha, u tiddeciedi jekk jijiex sejra lura bl-ammissjoni registrata minnha, semghet lil imputata ittenni li hija hatja tal-imputazzjonijiet migjubha kontriha.

Rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(iii), 338(m), 338 (dd), 338(bb), 40, 50, 382A, 412(C), 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti, ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkunsidrat

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputata, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-istess

imputata ħatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u kif minnha ammessa.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fedina penali tal-imputata.

Illi stante li ma ttellghet ebda' prova li l-imputata hija recidiva, l-Qorti ma hijiex ser tapplika d-dispozizzjonijiet tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

Fuq ammissjoni inkundizzjonata tal-imputata, l-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(iii), 338(m), 338 (dd), 338(bb), 40, 50, 382A, 412(C), 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputata **Anna Cassar** ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha u tikkundannaha għal sena(1) priġunerija iżda, billi l-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputata, a tenur ta 'l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, tissospendi it-terminu ta' sena (1) priġunerija hawn impost fuq l-imputata għall-perijodu ta' sentejn (2) b'effett mid-data ta 'din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar ir-responsabilità tagħha taħt l-Artikolu 28B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk hija tikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed taghmel Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-imputata ghall-fini li tipprovdi ghas-sigurtà ta' Louisean Ismael, b'dana li l-imputata qed iigu projbita milli tavvicinaw jew b'xi mod isegwu l-movimenti ta' Louisean Ismael ghal perijodu ta' sena mid-data ta' din is-sentenza, u dana kif rifless fi u taht il-kondizzjonijiet u t-termini imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Trazzin moghti llum stess u anness ma' din is-

sentenza, li taghha jifforma parti integrali. Il-Qorti spjegat lil imputata bi kliem car il-konsegwenzi jekk minghajr skuza ragonevoli jiksru l-projbizzjonijiet imposti fuqhom bl-Ordni ta' Trazzin imsemmi.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Epserti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**